**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 10 ta' Marzu 2020

Rikors Numru: 511/19 AL

**A B C**

Vs

**D C**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ippremettiet:

1. Illi r-rikorrenti iżżewġet lill-intimat fl-għaxra (10) ta' Ottubru 1975 fil-Katidral tal-Mdina (ċertifikat taż-żwieġ anness u mmarkat Dok. A).

2. Illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġ ulied, E C fit-13 ta' Ottubru 1976 u F C fil-15 ta' Marzu 1978 illum it-tnejn maġġorenni.

3. Illi l-partijiet għandhom separazzjoni tal-assi ippreżentata quddiem in-Nutar Dottor Herbert Cassar fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Diċembru 2014 annessa u mmarkata Dok. B.

4. Illi l-istess partijiet ilhom għal aktar minn dawn l-aħħar 4 snin jgħixu ħajja kompletament indipendenti minn xulxin u m'hemm l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom.

5. Illi a tenur tas-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 66G tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 u in vista tal-fatt li l-partijiet mhumiex separati b'kuntratt ta' separazzjoni jew b'ordni tal-Qorti, l-Avukat tar-rikorrenti Dr. Peter Fenech ddiskuta mar-rikorrenti l-possibilita' ta' rikonċiljazzjoni u għaddielha ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati li setgħu joffru l-għajnuna fil-proċess ta' rikonċiljazzjoni taż-żwieġ tagħha filwaqt li assigura li r-rikorrenti taf bil-fakulta' ta' separazzjoni personali bħala alternattiva għad-divorzju iżda madanakollu f'dan l-istadju ma teżistix possibilita' ta' rikonċiljazzjoni fiż-żwieġ.

6. Illi in oltre, l-partijiet ma għandhom l-ebda pendenza bejniethom fir-rigwars ta' manteniment.

7. Illi r-rikorrenti A B C tixtieq tottjeni divorzju u li ż-żwieġ tal-partijiet jiġi maħlul.

8. Illi l-partijiet jissodisfaw il-kriterji imposti mill-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex iż-żwieġ tagħhom jiġi xolt.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tordna li ż-żwieġ kuntrattat bejn ir-rikorrenti u l-intimat nhar l-għaxra (10) t' ottubru 1975 fil-Katidral tal-Mdina, jiġi maħlul;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien iffissat minn din il-Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Novembru 2019;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma pprezentax risposta izda deher ghas-seduta tal-5 ta' Marzu, 2020;

Semghet lill-intimat jghid li qiegħed joġġezzjona li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur għaliex hu ma jridx divorzju, jrid jirrikoncilja mar-rikorrenti, izda r-rikorrenti fuq domanda tal-qorti wiegbet li hija bl-ebda mod ma trid li tirrikonċilja mal-intimat. jrid jirrikoncilja mar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ppruvat illi l-partijiet ilhom separati minn xulxin għal aktar minn erba` snin u li għamlu s-separazzjoni tal-assi b' kuntratt pprezentat quddiem in-Nutar Dottor Herber Cassar fid-29 ta' Dicembru, 2014;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-

Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.